# IL-MARKIŻ LORENZO ANTONIO (Testaferrata) CASSAR DESAIN (1851 - 1886)

## *Ħajtu, Mewtu u l-Funeral Tiegħu fil-Katidral ta' Għawdex*

### Kitba ta' ANTON F. ATTARD

Fost il-persunaġġi distinti li jinsabu midfuna fil-Katidral ta' Għawdex, insibu l-Markiż Lorenzo Antonio (Testaferrata) Cassar Desain. Għalkemm l-irħama ġentilizja għadha tgħatti 'l qabru f'dan it-tempju ewlieni ta' Għawdex, nista' ngħid li ftit huma dawk li jafu jew qatt taw kas dwar min kien dan il-persunaġġ distint li jinsab midfun hemmhekk. Għaldaqstant, wieħed jittama li din il-kitba timla, ftit jew wisq, dan il-vojt.

**Il-Mewt tal-Markiż Cassar Desain**

Il-minġel kiefer u li ma jegħja qatt tal-mewt ħasad minn wiċċ id-dinja, fir-raħal ta' San Ġiljan, f'Malta, lil dan il-persunaġġ għażiż proprju nhar il-Ħadd, 14 ta' Frar, 1886, fl-4.30 a.m. Maħkum kif kien minn marda serja ħafna, waħda mill-iżjed ikkumplikati li qatt għarfet ix-xjenza medika, ma swiet xejn għalih il-ħidma ta' tlieta min-nies Maltin għorrief fil-qasam tal-mediċina biex isalvaw il-ħajjà tal-Markiż. Seren u trankwill, bħalma jmutu n-nies twajba, imsaħħaħ u konfortat bis-Sagramenti Mqaddsa, il-Markiż ħalla din id-dinja biex imur igawdi l-Ħallieq fl-oħra.

**Min kien il-Markiż Cassar Desain**

Il-mibki Markiż Cassar Desain kien Kavalier ta' l-Ordni Sovran u Militari ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm - Kavalier Tornearju (tat-Tornej) ta' l-Imperu Mqaddes Ruman - Patrizju Messiniż - Kumpann ta' l-Ordni wisq Distint ta' San Mikiel u San Ġorġ - Soċju Effettiv ta' l-Akkademja Rjali Araldika Taljana - Segretarju ta' l-Assemblea tan-Nobbilta' Maltija - Segretarju tal-Kumitat tal-Privileġġi tan-Nobbli - diġa' Membru Elettiv tal-Kunsill tal-Gvern - Kummissarju ta' l-Istituti tal-Karita' tal-Gvern - Soċju Onorarju tal-Marborough Club - Membru mill-aktar attiv tal-Kumitat Permanenti tal-Petizzjoni tat-2 ta' Lulju, 1879 - u Possessur tal-Fedekommess Cassar Desain.

Lorenzo Antonio kien twieled il-Belt Valletta fit-30 ta' Settembru, 1851. Kien bin il-mejjet Markiż Filippo Giacomo, Tenent tar-Royal Malta Fencible Artillery (imwieled fl-1 ta' Novembru, 1826 - miet fit-2 ta' Lulju, 1866) u l-mejta Markiża Veneranda dei Marchesi De Piro Gourgion (imwielda fid-19 ta' Marzu, 1816 - mietet fl-24 ta' Marzu, 1882). Fl-14 ta' Frar, 1880, safa armel mill-ewwel mara Camilla (imwielda fil-11 ta' Novembru, 1853) bint Riccardo Slythe - Kavalier Mawrizjan, ġa Viċi-Konslu tar-Re ta' Sardinja f'Malta.



**Ulied il-Markiż Cassar Desain**

Meta miet ħalla warajh ħamest itfal, jiġifieri:

1. Maria Beatrice, imwielda fit-28 ta' Awissu, 1874.
2. Elena Augusta, imwielda fil-25 ta' Ġunju, 1876.
3. Carolina Vittoria, imwielda fis-7 ta' Settembru, 1877.
4. Filippo Giacomo Giorgio Bowyer de Morville Cassar Desain, imwieled fis-6 ta' Ottubru, 1878 - (li wiret it-titlu ta' Markiż wara l-mewt ta' missieru).
5. Giorgio Riccardo Eugenio Ranieri de Branchfort Desain, imwieled fis-27 ta' Jannar, 1880.

**Jerġa' jiżżewweġ**
Il-Markiż Lorenzo, wara li romol, kien reġa' żżewweġ mas-Sinjorina Eleonora Parkinson Buchley Rutherford fis-26 ta' Ġunju, fil-Pro-Katidral ta' Londra.

**Luttu ġenerali f'Mewtu**
Il-mewt tal-Markiż Cassar Desain kienet ħalliet luttu ġenerali fil-pajjiż kollu. Kien bniedem mogħni b'dispożizzjonijiet mill-isbaħ kemm f'moħħu, kif ukoll f'qalbu, u minħabba f'dan kiseb ħafna simpatija mhux biss f'art twelidu, Malta, imma wkoll f'pajjiżi barranin, l-aktar l-Ingilterra fejn fis-sajf ta' qabel miet intgħamel bħala għelm għall-istima li bniedem tad-demm u l-laħam jista' qatt jaspira għalih u fejn kien stallat bħala Kumpann ta' l-Ordni l-Aktar Distint ta' San Mikiel u San Ġorġ, bħalma diġa' semmejna aktar 'il fuq.

**Id-Duka ta' Sutherland u l-Markiż Cassar Desain**
Id-Duka ta' Sutherland, billi kellu simpatija partikulari lejn il-Markiż Cassar Desain, fil-waqt li kien għaddej bil-jott sabiħ tiegħu *Lady Torfida* minn dawn il-gżejjer, ried jieħdu miegħu l-Eġittu, imma billi l-offerta tad-Duka, ġentilment ma kenitx aċċettata, id-Duka, fil-waqt li kien sejjer lura l-Ingilterra mill-Eġittu, billi jgħaddi mill-Italja, ħa miegħu lill-Markiż u lill-Markiża Cassar Desain.

**Ħalla vojt kbir**
Il-mibki Markiż ħalla battal kbir għall-preżenza tiegħu, l-aktar fost in-nobbilta' Maltija, li tagħha kien żina mill-isbaħ; u minħabba mewtu l-karigi li kienu okkupati minnu bħala Segretarju ta' l-Assemblea tan-Nobbilta' Maltija u tal-Kumitat tal-Privileġġi tan-Nobbli Maltin, ma kinux se jkunu mimlija faċilment.

**Azzjoni Ħażina u Umiljazzjoni**
Il-Markiż Cassar Desain bit-talenti tiegħu, bl-influwenza mal-membri tal-Parlament Ingliż u ma' Persunaġġi illustri tal-Metropoli Ingliża, ikkontribwixxa ħafna għall-waqgħa ta' l-amministrazzjoni mistmerra ta' qabel iż-żmien ta' meta miet. Hu, li kien għadu aħrax tad-despotiżmu ta' l-imgħoddi, irnexxielu jfarrak il-bniedem li kien jemmen li ma jitwaqqa' qatt mill-pedistall tiegħu tat-tafal. Kellu mingħandu gwerra l-aktar viljakka - biżżejjed jingħad li b'ħidma tiegħu, bint it-taħwid, lill-mejjet mibki Lorenzo Antonio, kien tneħħielu t-titlu ta' Markiż, flimkien mal-patrijott distint il-Baruni Azzopardi, att mill-aktar baxx, azzjoni ħażina u umiljazzjoni; imma l-ħaqq ma damx ma taħan u għaffeġ dak it-taħwid, u dawn iż-żewġ patrijotti reġgħu ġew integrati fit-titli tagħhom rikonoxxuti uffiċċjalment mill-Gvern għall-inkejja maħmuġa tal-għadu tagħhom li ma kienx jaf b'mistrieħ.

**Jaħfer lill-Għadu Tiegħu**
Il-Markiż Cassar Desain, b'danakollu, fil-waqt li kien qiegħed imut, ħafer bis-sinċerita' kollha lil dak li kien weġġagħlu qalbu b'mod hekk qares f'dik l-okkażjoni. Hu kien miet, imma t-tifkira tiegħu baqgħet imnaqqxa f'qalb dawk kollha li kienu jafuh f'ħajtu, li setgħu japprezzaw il-virtujiet rari tiegħu, it-talenti tiegħu, il-patrijottiżmu tiegħu u l-indipendenza li kienet tidher hekk ċara fih.

**Ried li jindifen Għawdex**
Malli l-Kontrammirall tat-Tarzna, l-Onor. Ward, sar jaf bil-mewt xejn mistennija tiegħu, u x-xewqa aħħarija tal-mibki Markiż, ħabib intimu tiegħu, jiġifieri dik li jkun midfun fil-gżira Għawdxija, bagħat malajr għad-dispożizzjoni tal-Markiża wieħed mill-vapuretti tar-rmonk ta' l-Ammiraljat sabiex jittrasporta hawn it-tebut għażiż tal-mejjet. U infatti, nhar it-Tlieta, 16 ta' Frar, fil-għodu, fid-9.25 a.m. il-vapurett *Escort* telaq minn San Ġiljan għal Għawdex bit-tebut tal-mejjet, akkumpanjat mill-Viċi-Parroku ta' San Ġiljan, ir-Reverendu Duttur Dun Ġ. Xerri, mill-armla mnikkta, il-Markiża, u mill-Markeżin De Piro, prim kuġin tal-mejjet, billi b'dispożizzjoni testamentarja ma riedx li jkollu xi pompa funebri li tidher. Malli l-katavru ttieħed abbord l-*Escort*, b'ordni tal-kaptan inkarigat, iż-żewġ bnadar tal-mirkeb, jiġifieri l-arblu ewlieni u dak tal-poppa, tbaxxew mezz'asta b'sinjal ta' luttu. Hekk kif l-Escort wasal l-Imġarr, fil-11.30 a.m., kien hemm dgħajjes lesti u żbarkaw il-katavru, meta l-Viċi-Parroku ta' San Ġiljan tah f'idejn wieħed mid-dinjitarji tal-Katidral. Il-fdalijiet mortali ntrefgħu fuq l-ispallejn mill-Imġarr sal-Katidral, billi f'dak iż-żmien f'Għawdex ma kienx hawn karru tal-mejtin, fejn imbagħad wasal fis-siegħa preċiż. Ix-Xatt kien hemm folla kbira ta' nies. Fl-inħawi qrib Għajnsielem, dawk kollha li joqogħdu hemm stennew il-katavru, u matul it-triq kollha kien hemm ħafna nies.

**Folla immensa ta' Għawdxin tattendi għall-funeral**
Xi għaxar minuti qabel ma wasal fit-triq magħrufa bħala t-Tiġrija, ir-Rabat, bdew jinġemgħu ħafna nies. Il-ħwienet kollha kienu magħluqa b'bieba waħda, hekk ukoll il-lukandi - sa l-Palazz ta' l-Isqof kien bil-vistu.

Il-folla kienet immensa, daqs li kieku kienet Santa Marija - iżda meta wasal il-Katidral - kien hemm hemmhekk ħaġa serja - bil-kemm wieħed seta' jiċċaqlaq, u tant kien minnu dan li l-komunier ordna li l-katavru jittieħed fl-Awla tat-Teżor tal-Katidral u jkun magħluq bil-muftieħ; u sitt kuntistabblijiet ma kinux biżżejjed biex iżommu 'l bogħod in-nies minn wara l-bieb tat-Teżor.

**Luttu ġenerali f'Għawdex**

F'Għawdex kien hawn luttu sinċier u ġenerali, u kulħadd beka l-Markiż żagħżugħ, li l-karita' wisq magħrufa tiegħu kienet indaqet qatigħ f'din il-gżira.

L-Erbgħa fil-għodu, is-17 ta' Frar, tqaddset quddiesa kantata b'suffraġju għal ruħu, li meta spiċċat, il-katavru ndifen fil-qabar tal-familja li jinsab fil-Kappella tal-Madonna fil-ħarba lejn l-Eġittu. Waqt il-quddiesa ħadet sehem folla kbira ħafna ta' nies bħal-lejla ta' qabel.

**L-Esekuturi Testamentarji**

Il-mejjet u mibki Markiż kien ħalla bħala esekuturi testamentarji tiegħu l-Markiż Saverju De Piro, C.M.G., żijuh min-naħa ta' ommu, ir-Reverendu Duttur Dun Erkole Mompalao, u s-Sur Tabib Enrico Briffa, M.D. Kien ħalla bħala kuraturi ta' wliedu lill-istess Markiż De Piro u lis-Sinjura Ġovanna Slythe, omm l-ewwel mara tiegħu.

Meta miet, il-Markiż Lorenzo Antonio Cassar Desain kellu biss 35 sena. Kien awtur prolifiku u laħaq kiseb isem fil-qasam letterarju u dak soċjali. Għalhekk, meta tkunu l-Katidral u taraw l-irħama fuq il-qabar tal-familja Cassar Desain, irfsu bil-qima, ftakru f'din l-istorja u fil-Markiż Lorenzo Antonio li jinsab midfun hemmhekk. Għidu wkoll talba żgħira ħalli Alla jagħtih il-hena ta' dejjem.

**NOTI U TIFSIR TA' XI KLIEM:**

**Ġentilizja,** tal-familja, e.g. arma ġentilizja, arma tal-familja.
**Tornearju,** kavalier li kien jieħu sehem fit-tornej jew ġlidiet bil-lanza, eċċ., imma fil-każ tal-Markiż kien titlu onorarju.
**Patrizju,** ċittadin ta' l-ogħla familja tal-belt.
**Kumpann,** imsieħeb soċju; titlu fl-Ordnijiet Kavalereski.
**Soċju,** imsieħeb f'xi każin jew għaqda.
**Akkademja Araldika,** assoċjazzjoni li tieħu ħsieb l-armi ġentilizji jew tal-familji nobbli.
**Fedekommess,** dispożizzjoni testamentarja li tobbliga lill-werriet biex iħares xi ħaġa ħalli jgħaddiha lil ta' warajh jew lil ħaddieħor.
**tneħħielu t-titlu ta' Markiż,** fid-dinja minn dejjem kien hawn nies mill-agħar li jħobbu jumiljaw lil ħaddieħor b'azzjonijiet ħżiena. Lill-Markiż Cassar Desain, biex jumiljawh, neħħewlu t-titlu ta' Markiż. Imma l-umiljazzjoni mhux biss ma baqgħetx għal dejjem, imma kellha għomor tassew qasir. B'dankollu l-ġrajja baqgħet tissemma u tibqa' tissemma b'għajb kbir għal min għamilha. L-awtur ta' din il-kitba jifhem sewwa sitwazzjonijiet bħal din.
**l-Awla tat-Teżor,** aktarx din kienet l-Awla Kapitulari l-qadima.
**daqs li kieku kienet Santa Marija,** il-Funeral tal-Markiż Cassar Desain f'Għawdex kien wieħed mill-akbar funerali li saru fi gżiritna fis-seklu dsatax.
**Esekuturi Testamentarji,** nies inkarigati mit-testatur f'testment biex jieħdu ħsieb jesegwixxu d-dispożizzjoni testamentarji, jiġifieri dawk ix-xewqat u ordnijiet kollha, li jkun hemm miktba fit-testment.

**RIFERENZI:**

1. *Annuario della Nobilita' Italiana,* Pisa, 1886.
2. Robert Mifsud Bonnici, *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali,* Cassar Desain, Markiż Lorenzo Antonio, p. 119.

**PUBBLIKAZZJONIJIET:**

*Il Solanum Tuberosum e la Doryphora Decemlineota.* Rapporto letto alla "Societa' Economico Agraria del Gruppo di Malta" (1875).
*A Short Sketch of the Maltese Nobility* (1876).
*Breve Cenno intorno alla Nobilita' Maltese* (1876).
*Genealogia della Famiglia Testaferrata di Malta. Con ritratto di Giuseppe Giacomo Testaferrata e un albero genealogico,* pp VIII + 140 (1880).
Marquis Cassar Desain's Reply to "VanityFair" of the 4th July, 1885, published in *"Vanity Fair"* of the 11th July, 1885.
*The Claim of the Maltese Nobles.* Leaflet, 3 pages (1885).